# Beati u Qaddisin ...Frar

24 ta' Frar Beata Maria Ascension del Cuore di Gesu'

Wara hafna snin li fihom il-beatifikazzjonijiet kienu iccelebrati mill-Papa Giovanni Pawlu II, mil-14 ta' Mejju 2005 taht il-papa il-gdid Benedittu XVI morna lura ghal uzanza antika ta' beatifikazzjonijiet approvati mill-Papa imma celebrati mill-kardinali inkarigati anke gewwa id-djocesi taghhom. U biex jinawguraw din il-procedura gdida ghal zminijietna izda antika fl-uzana taghha, kien hemm zewg beati: Madre Ascensione del Cuore di Gesù (Florentina Nicol Goñi) u Madre Marianna Cope it-tnejn religjuzi.



Florentina Nicol Goñi twildet gewwa Tafalla, f'Navarra fi Spanja fl-14 ta' Marzu 1868. Kienet l-ahhar wild tal-mizzewga Juan Nicol, kummercjant tal-kalzetti u martu Agueda Goni. Tawha l-isem ta' Florentina ghall-gieh tal-qaddisa ta' dak il-jum meta irceviet il-maghmudija. Ircviet l-edukazjoni taghha gewwa ic-centru edukattiv dumnikan tat-terza ordni u kien hawn li fija twieldet il-vokazzjoni religjuza.

Ta' 17 il-sena fit 22 ta' Ottubru 1855 hija giet accetta fil-komunita' religjuza ta' Santa Roza ta' Huesca, fejn hija ghaddiet in-novizjat taghha u sahhet il-fehma taghha li dik kienet it-trieq gusta ghaliha. Mimlija hegga riedet aktar tinghaqad ma'

Kristu biex issir l-gharusa tieghu u fis-sena 1866 ghamlet il-professjoni taghha ta' soru bl-isem ta' Swor Ascensione tal-Qalb ta' Gesu'.

Hija kienet afdata biex teduka lit-tfajliet u dan id-dover qdietu b'tant fervur li s-superjura taghha deherilha li kien iz-zejjed u biex tikkorregiha bidlitilha il-hidma taghha u baghatitha taghmel xoghol ta' l-idejn fejn ma setghax ikollha kuntatt mat-tfajliet.

Ghaddiet minn din il-prova ta' ubbidjenza u mill-gdid sabet ruhha tghallem. Izda fis-sena 1912 il-gvern spanjol ghalaq l-iskola ta' Santa Rosa gewwa Huesca u s-sorijiet sabu ruhhom minghajr sostenn finanzjarju. F'dan iz-zmien madre Ascensione kellha l-ewwel laqgha ma' Patri dumnikan Ramon Zubieta li ghamel zjara fil-kunvent bit-tama li jsib xi sorijiet disposti li jahdmu fil-missjoni ta' Urubamba gewwa l-Peru.

Ix-xewqa tad-dumnikan sabet gheruq ghaliex waqt li bdew isiru l-preparamenti biex isehh il-progett, hames sorijiet dumnikan telqu ghall-missjni fil-Peru'. Sadanittant Padre Zubieta ircieva gewwa Ruma l-ordinazzjoni episkopali. Meta waslu Lima l-isqof Zubieta hatar lil madre Ascenione bhala l-persuna responsabbli mill-missjoni. Kien hemm xi reazzonijiet mis-sorijiet peruvjani imma madre Ascenione ghamlet elezjoni regolari u giet konfermata b'maggoranza kbira biex b'hekk tnaqqas kull skuntentizza.

L-integrazzjoni tas-sorijiet fil-komunita' tal-missjoni kellha xi ftit problemi imma quddiem dawn id-diffikutajiet hija dejjem afdat f'Alla minkejja li kellha zmien ta' nixfa spiritwali Il-Patri dumnikan Theissling li wasal Lima ghall-vizta kanonika fis-sena 1918 irrakomanda biex titwaqqaf istituzjoni gdida u bil-hidma ta' patri iehor id-dumnikan Osene giet imwaqqfa il-kongregazjoni tal-Missjunarji tas-santissmu Ruzarju. U madre Ascenione giet nominata bhala l-ewwel superjura generali. Ma' l-isqof Zubieta kompliet tahdem biex xi diffikultajiet li kien ghad baqa' jigu solvuti gewwa Ruma quddiem il-Papa Benedittu XV. Dejjem cahdet li hija kienet il-fundatrici ta' din il-kongregazzjoni u kienet tatribwixxi l-fonadazzjoni lil Mons Zubieta. Wara l-mewt ta' l-isqof hija sabet ruhha tassumi r-responsabilta' kollha tal-Kongregazzjoni li kienet ghadha kemm twieldet. Bil-hidma taghha aktar kulleggi kienu miftuha biex jilqghu ghall-bzonn ta' skola. Ghal darbtejn giet eletta superjura generali izda hija rrifjutat meta giet rieletta ghat-tielet darba. Ghaliex hassitha li ma setghetx tiehu fuqha dik ir-responsabilita' ta' missjoni hekk mifruxa. Fis-6 ta' Jannar hija mardet u fit-2 ta' Jannar irceviet il-Vjatiku u l-Grizma tal-Morda minhabba li l-marda aggravatilha. Hija baqghet issofri sa' l-ahhar

meta fl-24 ta' Frar tas-sena 1940 hija mietet gewwa Pamplona fi Spanja. Hija giet dikjarata venerabbli fit-12 ta' April 2003 mill-papa Giovanni Pawlu II u bbeatifikata fis-sena 2005.

L-ispanjola madre Maria Ascension del Cuore di Gesù ( lajka maghrufa bhala Florentina Nicol Goñi) ghenet fil-Peru lil isqof Ramòn Zubieta biex titwaqqaf il-Fondazzjoni tas-sorijiet dumnikani tas-Santissmu Ruzarju. Dikjarata venerabbli fit-12 ta' April 2003 mill-Papa Giovanni Pawlu II giet bejatifikata fl-14 ta' Mejju 2005 mill-Kardinal José Saraiva Martins, prefett tal-Kongregazzjoni ghall-Kawza tal-Qaddisin.